# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-11 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru : 55/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**AG**

**Vs**

**MT**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' AG, datat 9 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent izzewweg fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett (3) itfal, D li twieled f'X, M li twieldet f'Y u S li twieled f'Z u ghalhekk kollha huma maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati perezz ta' kuntratt in atti Dr Marco Buttigieg datata disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) (DOK A);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal kwazi sitt (6) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin;*

4. *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment la ghall-intimata u lanqas ghat-*

*tfal;*

5. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara li z-zwieg ikkunttratat bejn il-partijiet nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*

b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall ta-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi;. U*

c) *Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita f'seduta stante u l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha, izda hija ddikjarat illi ma tehtiegx assistenza legali u li ma kienetx qed topponi ghad-divorzju (vide fol 33);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MT xehdet viva voce (vide fol 33A)** illi hija zzewget lil attur nhar il-5 ta' Dicembru 1992 u li minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal. Xehdet li filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex, ghaddiet minn vjolenza domestika u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 9 ta' Gunju 2015. Iddikjarat illi mid-data tas-separazzjoni, qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Finalment ikkonfermat illi l-manteniment ghall-ulied dejjem thallas u ma hemmx ebda arretrati. Iddikjarat ukoll li ma ghandhiex oggezzjoni ghal dan id-divorzju.

**AG** xehed (vide affidavit a fol 36) u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu***

***dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Dicembru 1992, liema zwieg jgib c-certifikat numru 2083/1992 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 16).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar id-9 ta' Gunju 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Buttigieg (vide Dok A, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2083/1992 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**